MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru 122/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**John Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, John Muscat, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 56161G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

   Fid-19 ta’ Lulju 2012, ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu (10:00a.m.) u fis-snin ta’ qabel, fil-fond 18, Triq Sopu, Nadur:

   1. Ittrasferixxa jew b’xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar imsemmijin fir-Regolament 4(1)(e) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u minghajr ma kellu

awtorizzazzjoni bil-miktub ta’ dak ittrasferiment jew id-disponiment minghand id-Direttur u dan bi ksur ta’ Regolament 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, mghotija fl-4 ta’ Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat Regolament 4(2) u Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat John Muscat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa ta’ hames mitt euro (€ 500.00).

Il-Qorti, wara li rat li uhud mill-ghasafar in kwistjoni huma nkluzi f’Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna wkoll is-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi John Muscat, pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fl-20 ta’ Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni u piena jew, alternattivament, tvarjha in kwantu tikkoncerna l-piena u s-sospenzjoni tal-licenzja.

**4.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell;

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fid-19 ta‘ Lulju 2012 id-Dipartiment tal-Ambjent, li l-funżjonijiet tiegħu eventwalment għaddew skont il-liġi għand l-Awtorita‘ ta‘ Mata għall-Ambjent u Ippjanar (MEPA), ġie infurma mill-għassa tar-Rabat Għawdex, sabiex

jassistu lill-pulizija f'perkwiżizzjoni li kellha ssir fir-residenza numru 18, Triq Torri Sopu, Nadur, Għawdex li fiha kien joqgħod l-imputat John Muscat. Mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-13 ta' Frar 1998 l-istess John Muscat kien iddikjara mad-Dipartiment tal-Ambjent imsemmi kollezzjoni ta' tajr protett ibbalzmat. Mill-perkwiżizzjoni li saret fir-residenza tal-imputat irriżulta li fiha kien hemm kollezzjoni ta' 33 eżemplari ibbalzmati. Fost dik il-kollezzjoni ma nstabux 10 tajriet li kienu dikjarati lid-Dipartiment tal-Ambjent fi Frar tal-1998. It-tajr li nstab nieqes kien kollu tajr protett u wħud minnhom kienu saħansitra protetti b'mod speċjali. L-imputat qatt ma għamel ebda talba lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiddisponi mit-tajr li ma nstabx fost il-kollezzjoni.

**6.** L-aggravji tal-appellant huma sostanzjalment kif ġej:

1. - l-Ewwel Qorti m'ghamiltx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irrizultaw quddiemha ghaliex kien hemm nuqqas kbir ta' provi u ghaldaqstant l-appellant kellu jigi liberat tenut kont tal-fatt li l-prosekuzzjoni kellha tipprova kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea* tal-imputat u ma ngabet l-ebda prova li b'xi mod turi l-*mens rea* rikjesta sabiex tissussisti l-htija u mill-assjem tal-provi migjuba minn imkien ma jirrizulta jew jista' jigi dezunt il-*mens rea* tal-appellant.

2. - minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju, ma giet ordnata l-ebda perizja mill-Qorti u x-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonfermaw u janalizzaw it-tjur in kwistjoni kienu biss xhieda ordinarji u parzjali b'kull interess li jassiguraw sejbien ta' htija u ghalhekk, fl-assenza ta' tali perizja, il-Qorti ma setghet qatt tikkonkludi l-hitja a rigward.

3. - t-tielet jittratta l-piena li skont l-appellant għalkemm hi fil-parametri tal-liġi hi wahda eccessiva ghan-natura tar-reat tenut kont li l-kaz ma kienx wieħed ta' kacca illegali jew reati iktar gravuzi li allura l-piena moghtija kellha tirrifletti dan u l-istess jista' jinghad ghas-sospensjoni tal-licenzja.

**Ikkunsidrat:**

**7.** Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-ewwel it-tieni aggravju dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tordna perizja, imbgħad ser tikkunsidra l-ewwel aggravju dwar l-aprezzament zbaljat tal-provi li allegatament għamlet l-ewwel Qorti u finalment ser tikkunsidra t-tielet aggravju dwar il-piena.

**8.** Dwar it-tieni aggravju tan-nuqqas ta' perizja jirriżulta li x-xhieda principali li xehedu dwar l-ispeċi tal-għasafar u annimali konfiskati fil-pussess tal-appellant kien Gilbert Haber li jirriżulta li ghandu degree B.Sc. (Hons) fil-Biologija u Kimika kif ukoll degree M.Sc u huwa *Environment Protection Officer (Nature Protection Inspectorate)* fid-Direttorat dwar il-Ħarsien Ambjentali tal-MEPA. Persuna oħra li wkoll xehedet dwar l-istess materja kienet Stanley Gatt, rappreżentant tal-MEPA. Ma jirriżultax li biex jixhed dak li xehed l-imsemi Gilbert Haber kien jeħtieġ xi "tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett" kif irid l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali sabiex ikun hemm lok li tiġi ordnata perizja.

**9.** Dak li xehed l-istess Gilbert Haber, kif ukoll dak li xehed Stanley Gatt, kien limitat għal fatti li kienu a konoxxenza taghhom personali u di fatti ebda oġġezzjoni jew eċċezzjoni ma tqajjmet mid-difiża fl-ewwel istanza għax-xiehda taghhom u anqas saru xi domandi in kontroeżami li b'xi mod jikkontestaw l-ammissibilita' taghhom li jixhdu dwar il-materja li dwarha effettivament xehedu. Ix-xhieda Haber u Gatt xehedu biss dwar dak li kien mistenni li jkun a konoxxenza ta' persuni li jokkupaw il-kariga li kienu jokkupaw l-istess Haber u Gatt. Il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi michud.

**10.** Ser issa jigi kunsidrat l-ewwel aggravju tal-appellant dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi li allegatament ghamlet l-ewwel Qorti.

**11.** In materia ta' apprezzament ta' provi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma

setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha. Dan hu rikonoxxut anki mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

**12.** Mill-provi rrizulta mingħajr dubbju dettat mir-raguni li l-appellant iddispona minn numru ta’ tajr minghajr ma ghamel talba ghal daqshekk lill-awtorita’ kompetenti. Di fatti, Stanley Gatt xehed li meta fl-2012 marru fir-residenza tal-imputat huma sabu li mill-kollezzjoni ta’ tjur li kien iddikkjara fl-1998 kien hemm total ta’ ghaxar tajriet nieqsa. Irrizulta wkoll li l-imputat ma ghamel ebda talba lill-awtoritajiet sabiex ikun jista’ jiddisponi mit-tjur imsemmija.

**13.** Fil-kuntest ta’ dan l-aggravju l-appellant isostni li ma ngabet l-ebda prova li b’xi mod turi jew li minna tista’ tiġi dezunta l-*mens rea* rikjesta sabiex tissussisti l-htija tal-appellant.

**14.** F’dan ir-rigward ma hux ċar x’jifhem preċiżament l-appellant bil-*mens rea* rikjesta sabiex jissusisti r-reat. Għar-reat *de quo* ma hi meħtieġa ebda intenzjoni speċifika u għalhekk il-kostitwenti tal-element morali jew intenzjonali huma l-ingredjenti tal-intenzjoni ġenerika konsistenti fil-volonta’ li jagħmel l-għemil materjali tar-reat u fil-konsapevolezza tan-natura u l-kwalita’ tal-istess għemil. Irrizulta minghajr dubbju li numru ta’ tajr li kienu fil-pussess tal-appellant fl-1998 ma kienux ghadhom fil-pussess tieghu fl-2012 u minn dan kien legittimu li l-ewwel Qorti tiddezumi li l-imputat iddispona minn dawn it-tjur. Peress li inoltre l-ewwel Qorti ma kellha ebda raguni tahseb, u ma rrizultalha ebda indizju li jaghti lil dik il-Qorti x’tifhem, li l-imputat ma huwiex dotat bil-kapacitajiet ta’ volonta’ u konsapevolezza li bihom kull persuna hi normalment vestita, dik il-Qorti kellha bizzejjed sabiex ragonevolment tkun sodisfatta li meta l-imputat ddispona mit-tjur msemmija dan ghamlu volontarjament u konsapevolment. Jekk l-appellant ma kienx jaf li kien mehtieg minnu li japplika ghand l-awtorita’ kompetenti qabel jiddisponi mit-tjur in kwistjoni din kienet tammonta ghal injoranza tal-ligi penali li quddiem il-ligi ma tiskuzahx.

**15.** Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi michud.

**16.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena.

**17.** Kif ormai huwa ben stabbilit, din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**18.** L-ewwel Qorti imponiet piena ta' hames mitt euro (€500) u s-sospensjoni ghal zmien sena ta' kull permess maħrug taht ir-regolamenti relevanti. Il-multa imposta hi fil-minimu previst mil-ligi u in kwantu ghaz-zmien tas-sospensjoni tal-permess din il-Qorti ma ssibx li dan hu manifestament eccessiv u anqas hi tal-fehma li jezistu ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tenut kont ukoll tal-fatt li uhud mit-tajr li rrizultaw nieqsa huma mil-ligi mħarsa b'mod specjali.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell ta' John Muscat u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li ż-żmien ta' sena tal-iskwalifika mill-liċenzji kollha impost mill-ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------